**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IL-SEBA' LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 100 – IT-TLIETA, 20 TA' MARZU 2018 FIL-5.35PM**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | |
|---|---|
| Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| Marica Bayliss | Viċi Sindku |
| Trevor Fenech | Kunsillier |
| Joan Farrugia | Kunsillier |
| Neville Mallia | Kunsillier |
| Dominic Cassar | Kunsillier |
| | |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

Skużati

| | |
|---|---|
| Rita Saliba | Kunsillier |
| Mikhail Micallef | Kunsillier |

Assenti

| | |
|---|---|
| Malcolm Abdilla | Kunsillier |

**1 Approvazzjoni Minuti Numru 99**

1.1 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Punti mtella mill-Minuti 99**

2.1 Rigward paragrafu 5.1, għad trid issir l-applikazzjoni.

**3 Pagamenti Numru 87**

3.1 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sinjura Marica Bayliss issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

**4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

4.1 Kien hemm diskussjoni dwar il-quarterly accounts għal Ottubru – Diċembru 2017. Ġie innutat il-pożizzjoni b'saħħita tal-Kunsill. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati.

4.2 Il-Kunsill ġie nfurmat bid-deċiżjoni tal-PCRB dwar l-appell tat-tender SGNLC/T/3/18. Il-Kunsill ingħata r-raġuni b'deċiżjoni tiegħu.

4.3 Il-Kunsill innota r-rapport tal-Bord tal-Għażla għal post ta' EO mal-Kunsill. Ebda kandidat ma kien addatat għal dan il-post. Għandha tinħareġ sejħa oħra.

## 5 Korrispondenza

5.1 Kien hemm diskussjoni dwar proposta minn kumpanija privata biex jekk il-Kunsill għandux żoni biex dawn jiġu pay parking. Il-Kunsill ma kienx favur din il-proposta imma xorta jista' jsir laqgħa magħhom.

5.2 Ġie innutat proposta minn fotografu biex jagħmel proġett ta' kalendarju b'ritratti tal-anzjani kif ukoll wirja ta' fotografija. Kien hemm qbil.

5.3 Kien hemm diskussjoni dwar talba għal zebra crossing fi Triq l-Istefanotis. Ġie deċiż li tintalab għal parir minn TM.

5.4 Kien hemm diskussjoni dwar proposta biex isiru first aid courses. Kien hemm qbil li fil-prinċipju. Għandha ssir laqgħa man-Nursery tal-Football biex jintuża l-premises tagħhom u l-Kunsill jissusida l-ispiża għal parents tat-tfal u l-coaches.

5.5 Kien hemm diskussjoni dwar post alternattiv meta jibda x-xogħol fuq il-community centre. Għandha ssir komunikazzjoni mad-DLG biex il-Kunsill jagħmel arranġament mal-każin tal-banda biex ikollu l-uffiċċju hemm. Kien hemm qbil ukoll li jinkera garage għall-istivar tal-affarjiet.

## 6 Affarjiet ohra

6.1 Kien hemm diskussjoni dwar nominazzjonijiet għal Mertu San Ġwann. Is-Sinjura Marica Bayliss ipproponiet lis-Sinjuri Inez Farrugia u lil Liliana Vassallo li huma atturi. Is-Sinjura Joan Farrugia pproponiet lis-Sinjorina Cheryl Grech li hija l-ewwel surmast tal-banda femminili. Is-Sur Trevor Fenech ippropona lis-Sinjuri Emil Calleja Bayliss, li hu song writer u Xavier Saliba li huwa footballer. Is-Segretarju Eżekutiv ippropona lis-Sinjuri Sue Spiteri u Juliet Ellul li huma voluntiera li jaħdmu mal-istray cats bi trapping u neutering kif ukoll lis-Sinjorina Nicole Talbot li rebħet il-popular vote bi televoting f'Miss Malta 2017

6.2 Is-Sinjura Marica Bayliss iddikjarat li hi tiddissocja ruhha minn nomina tas-Sinjura Cheryl Grech.

6.2 Kien hemm qbil li dawn n-nomini għandhom jerġa' jiġi diskuss aktar 'l quddiem.

## 7 Għeluq il-Laqgħa

7.1 Il-laqgħa spiċċat fis-7.00pm. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 2 ta' April 2018 fil-5.30pm.

**Kurt Guillaumier**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Etjenne Bonello Du Puis**
**Sindku**